MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Numru 565/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Kevin Borg, iben George,
imwieled Pieta' fl-24 ta'
awissu, 1982
u
Kevin Brincat, iben Anthony
Bonavia, imwieled Pieta'
Fid-9 ta' settembru, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta' ġunju, 2006 għal ħabta tat-8.15 a.m. ġewwa Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda ittantaw jikkomettu serq ta' stereo minn ġewwa vettura tal-għamla Peugeot 405, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBA 848, għad-dannu ta' Geoffrey Sciberras minn Marsaskala liema serq ma

seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ ta’ l-imputati, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ħassru jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ parti minn vettura Peugeot 405, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBA 848, għad-dannu ta’ Geoffrey Sciberras minn Marsaskala;
3. Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tikkonfiska l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBR 987 bħala parti formanti mir-reat u l-akkużi dedotti kontra Kevin Borg bħala parti mill-corpus delicti;
4. Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma l-imputati bħala li rrendew ruħhom rċidivi b’diversi sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenżi saru definittivi;
5. Lil Kevin Brincat, waħdu, talli kiser il-kondizzjonijiet tal-Qorti mposti fuqu;
6. Lil Kevin Borg, waħdu, talli kiser il-kondizzjonijiet ta’ din il-Qorti b’sentenza mogħtija fil-5 ta’ ġunju, 2006.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi l-ħsara li għamlu l-imputati tlaħħaq il-valur ta’ mija u sitta u erbgħin lira maltija (Lm146).

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ ġunju, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom ħlief għall-akkużi numru 5 dwar Kevin Brincat li fil-fatt ma kiser ebda kondizzjoni.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, dwar Kevin Borg issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 264, 267, 271(g), 325(1)(ċ), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-konfiska

tal-vettura ta’ Kevin Borg.  Dwar Kevin Brincat, ma ssibux ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha.  Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 264, 267, 271(g), 325(1)(ċ), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ ħdax il-xahar priġunerija. Tordna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta’ tlieta u sebgħin lira maltin (Lm73) danni kawżati lil Geoffrey Sciberras fi żmien sitt xhur mil-lum. Billi ż-żewġ imputati huma dipendenti mid-droga tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva biex l-imputati jibdew jattendu kors għar-riabilitazzjoni tagħhom mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------